MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 80/2005

**Anthony Sciberras**

**vs**

**B'digriet moghti fis-26 ta' Ottubru 2005, Dr. Chris Said gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Gerhard Nakerst u Renata Cornelia Ramasamy-Nakerst illi f'Malta ghandhom l-indirizz 1, Dun Luqa Street Sannat u fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2005 Dr. Monica Vella assumit l-atti bhala kuratrici tal-konvenuti msiefra.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid intom konvenuta ghaliex ma ghandkomx tigu kkundanata thallsu l-ammont ta' Lm163.80c – in kwantu ghal Lm100 rapprezentanti danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-ispoll vjolenti u klandestin kommess

minnkom ghad-dannu tieghu meta f'Awissu 2001 qlajtu l-pipes illi minnhom kien jiehu l-ilma sabiex isaqqi r-raba' tieghu u cahhadtuh mill-access ghal dan l-ilma ghal erba' snin shah, u aktar, kwantu ghal Lm20.30c bilanc minn ammont akbar ta' spejjez gudizzjarji fil-kawza "Anthony Sciberras et vs Dr. Monica Vella et", Citaz. Nru. 42/2005 deciza fl-4 ta' Mejju 2004;[li b'verbal tas-16 ta' Frar 2006 intalbet korrezzjoni fl-avviz tat-talba fis-sens li r-referenza ghal kawza ghandha tkun 86/2001 (AMT) deciza 04/05/2004] u l-bilanc ta' Lm43.30c bhala spejjez gudizzjarji fi proceduri necessitati in segwitu ghal dik il-kawza minhabba n-nuqqas taghkom illi tikkonfermaw ruhkom mas-sentenza tal-Qorti.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Awissu 2005, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minnissa inti ingunta."

Ra r-risposta tal-kuratur li tghid hekk:

"Illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirrimettu ruhu ghall-provi migjuba

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Ra r-risposta ulterjuri a fol 19 tal-process.

Ra d-decizjoni in parte ta' dan it-Tribunal tas-7 t'April 2006 imnejn iddispona mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu dawn jirrigwardaw ir-res judicata u l-preskrizzjoni billi cahad l-istess;

Ra d-dokumenti esebiti kif ukoll l-atti tal-process tal-kawza fl-ismiejit Anthony Sciberras et vs Dr. Monica Vella noe.(Citazz Nru 86/01 G1 –AMT)

U billi t-talba attrici tinstab sodisfacentement ippruvata u ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-konvenuti li m aressqu l-ebda provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom fil-mertu

Jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ Lm163.80c, kwantu ghal Lm100 rapprezentanti danni sofferti mill-attur per konsegwenza tal-ispoll vjolenti u klandestin kommess minnkom ghad-dannu tieghu meta f’Awissu 2001 qlajtu l-pipes illi minnhom kien jiehu l-ilma sabiex isaqqi r-raba’ tieghu u cahhadtuh mill-access ghal dan l-ilma ghal erba’ snin shah, u aktar, kwantu ghal Lm20.30c bilanc minn ammont akbar ta’ spejjez gudizzjarji fil-kawza “Anthony Sciberras et vs Dr. Monica Vella et”, Citaz. Nru. 86/2001(AMT) deciza fl-4 ta’ Mejju 2004; u l-bilanc ta’ Lm43.30c bhala spejjez gudizzjarji fi proceduri necessitati in segwitu ghal dik il-kawza minhabba n-nuqqas tal-konvenuti illi tikkonfermaw ruhkom mas-sentenza tal-Qorti. `Spejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 t’Awissu 2005 a kariku tal-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------